IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2013
COM(2013) 458 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Il-kwalità tal-fjuwil tal-petrol u tad-diżil użat għat-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea: L-għaxar rapport annwali (Sena tar-rappurtar 2011)**

MT MT

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Il-kwalità tal-fjuwil tal-petrol u tad-diżil użat għat-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea: L-għaxar rapport annwali (Sena tar-rappurtar 2011)**

## 1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jirrappreżenta konsolidazzjoni tal-11-il sena ta' sottomissjonijiet tal-Istati Membri skont id-Direttiva 98/70/KE[1] (id-"Direttiva"), li tiġbor fil-qosor il-kwalità tal-petrol u tad-diżil fl-UE għall-2011. L-ispeċifikazzjonijiet għall-petrol u għad-diżil mibjugħa fl-UE huma inklużi fid-Direttiva: l-ewwel daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2000. it-tieni fl-1 ta' Jannar 2005 u t-tielet fl-1 ta' Jannar 2009 li llimitaw il-kontenut tal-kubrit fil-fjuwils tat-triq awtomobilistiċi kollha fl-UE sa 10 ppm. Rekwiżiti addizzjonali huma ddefiniti fl-Istandard Ewropew għal sistemi ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-fjuwil ("FQMS"), EN 14274:2003, meħtieġa mill-2004 skont id-Direttiva 2003/17/KE. Skont id-Direttiva l-Istati Membri kienu meħtieġa li jirrappurtaw għall-ewwel darba sat-30 ta' Ġunju 2002 għas-sena kalendarja preċedenti (jiġifieri l-2001).

Id-Direttiva teħtieġ ukoll li l-Istati Membri jirrappurtaw sommarji tal-kwalità tal-fjuwils mibjugħa fit-territorji tagħhom. Il-format oriġinali tar-rappurtar għal dan kien ġie stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/159/KE tat-18 ta' Frar 2002[2]. Ir-rekwiżiti tad-Direttiva nbidlu mal-introduzzjoni ta' speċifikazzjonijiet tal-fjuwil u r-rekwiżiti ta' rappurtar ġodda. L-Istati Membri kollha jirċievu mudell tar-rappurtar aġġornat kull sena sabiex tkun żgurata l-inklużjoni tad-dettalji pertinenti kollha fl-Ewropa kollha biex tkun permessa analiżi u tqabbil tar-riżultati tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-fjuwil mal-Ewropa kollha. Dan il-mudell isegwi r-rekwiżiti ta' rappurtar deskritti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/159/KE u huwa rivedut u miftiehem kull sena mill-Kummissjoni. Fl-2011, l-Istati Membri kollha kkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tal-fjuwils li jeħtieġu li l-fjuwils tat-triq ikun fihom anqas minn 10 ppm ta' kontenut ta' kubrit. Barra minn hekk, l-Istati Membri bdew jirrappurtaw fjuwils b'etanol miżjud, li mill-1 ta' Jannar 2011 sar rekwiżit ta' rappurtar obbligatorju skont l-emenda tad-Direttiva 2009/30/KE.

Żewġ Stati Membri (il-Polonja u l-Ġermanja) ma ssottomettewx ir-rapport tagħhom fil-mudell provdut. Il-Pajjiżi l-Baxxi ma użawx il-mudell fis-sottomossjoni oriġinali tagħhom iżda ittrasponewh meta ntalbu jagħmlu dan. Mis-27 rapport annwali tal-FQMS, 21 waslu fi żmien l-iskadenza tar-rappurtar tat-30 ta' Ġunju, erba' waslu inqas minn xahar tard b'żewġ rapporti sottomessi fil-ħin iżda li jeħtieġu t-traspożizzjoni fil-mudell standard. Sar titjib ċar rigward is-sottomissjonijiet ta' rapporti li jaslu sal-iskadenza meta mqabbla mal-2010 u l-2009.

---

1 ĠU L 350, tat-28.12.1998, p. 58.
2 ĠU L 53, 23.2.2002, p. 30

## 2. BEJGĦ TA' FJUWIL FL-EWROPA

Il-bejgħ tal-fjuwil fl-UE fl-2011 kien jiffavorixxi ħafna d-diżil b' 245,227 miljun litru ta' bejgħ ta' fjuwil tad-diżil meta mqabbel ma' 116,893 miljun litru ta' bejgħ ta' fjuwil fi gradi ta' petrol ikkombinat.

Fi gradi ta' fjuwil tal-petrol, RON 91 ikompli jitlef is-sehem tas-suq tiegħu u attwalment jinbiegħ biss f'ammonti żgħar b'bejgħ tal-2011 ta' 645 miljun litru. RON 98 ammonta għal 9,196 miljun litru filwaqt li RON 95 irrappreżenta l-maġġoranza ta' bejgħ ta' fjuwil tal-petrol b'107,052 miljun litru. F'diżil, il-grad B7 irrappreżenta l-maġġoranza ta' bejgħ b'121,545 miljun litru mibjugħ. Id-diżil B5 u d-diżil biegħu madwar nofs dak l-ammont kull wieħed (64,523 u 58,498 miljun litru rispettivament). Il-Figura 1 ta' hawn taħt turi bejgħ differenti ta' fjuwils differenti mal-Ewropa kollha skont it-tip.

**Figura 1: Il-bejgħ tal-fjuwils tal-UE skont it-tip fl-2011**




Il-bejgħ totali tal-fjuwil tal-UE fl-2011 u s-snin preċedenti jidher fil-Figura 2.

Il-bejgħ tal-fjuwil fl-2011 baqa' simili għall-bejgħ fl-2010, bi tnaqqis kemm fil-petrol (tnaqqis ta' 4,338 miljun litru) u fid-diżil (tnaqqis ta' 1,614 miljun litru) li rriżultaw fi tnaqqis ġenerali totali ta' 5,952 miljun litru ta' fjuwils tat-triq awtomobilistiċi mibjugħa.

Figura 2**: Volum ta' fjuwils mibjugħin tat-tip tal-UE mill-2001 sal-2011**




***Teskludi lil Franza matul il-perjodu mill-2003 sal-2005, minħabba li ma ġiet ipprovduta l-ebda sottomissjoni. Teskludi lill-Lussemburgu mill-2007 sal-2009 u lil Malta mill-2006 sal-2009 minħabba li ma ġie pprovdut l-ebda rapport. Barra minn hekk, l-UE kibret fl-2004 u fl-2007 minn 15 għal 27 Stat Membru.**

## 3. DISPONIBBILTÀ TAL-FJUWIL 2011

Wieħed mill-fatti ewlenin tal-2011 huwa li RON 91 kważi għeb għal kollox mis-suq u jinbiegħ biss f'erba' pajjiżi f'ammont ta' 645 miljun litru. It-Tabella 1 turi d-distribuzzjoni u l-kwantitajiet tal-fjuwils mibjugħa madwar l-UE 27 skont l-Istat Membru u t-tip ta' fjuwil.

## It-Tabella1: Bejgħ tal-fjuwil tal-2011 skont it-tip fl-UE27

| Tip ta' Fjuwil | Bejgħ tal-Petrol (f'miljuni ta' litri) | | | | | Bejgħ tad-Diżil (f'miljuni ta' litri) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Stat Membru** | **min. RON=91** | **min. RON=95** | **min. RON=98** | **RON ≥98** | **Total ta' Petrol** | **Total ta' Diżil** |
| L-Awstrija | 48 | - | 2,274 | 56 | 2,378 | 7,248 |
| Il-Belġju | - | 1,405 | - | 355 | 1,760 | 8,738 |
| Il-Bulgarija | - | 763 | 3 | 39 | 805 | 2,184 |
| Ċipru | - | 473 | - | 38 | 511 | 391 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 30 | 2,342 | - | 39 | 2,411 | 4,820 |
| Id-Danimarka | 390 | 1,596 | 2 | - | 1,988 | 3,249 |
| L-Estonja | - | 387 | 20 | - | 407 | 678 |
| Il-Finlandja | - | 1,035 | - | 1,127 | 2,162 | 2,872 |
| Franza | - | 8,397 | - | 1,988 | 10,385 | 40,327 |
| Il-Ġermanja | 177 | - | 23,100 | 3,261 | 26,538 | 39,417 |
| Il-Greċja | - | 4,268 | 90 | 143 | 4,501 | 2,628 |
| L-Ungerija | - | 1,651 | - | 42 | 1,693 | 3,293 |
| L-Irlanda | - | 1,856 | - | - | 1,856 | 2,675 |
| L-Italja[1] | - | 11,678 | - | - | 11,678 | 30,231 |
| Il-Latvja | - | - | 310 | 24 | 334 | 807 |
| Il-Litwanja | - | 336 | - | 7 | 343 | 1,225 |
| Il-Lussemburgu | - | 378 | - | 92 | 470 | 2,054 |
| Malta | - | - | 99 | - | 99 | 105 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | - | 5,625 | 71 | - | 5,696 | 7,783 |
| Il-Polonja | - | 4,964 | - | 412 | 5,376 | 14,905 |
| Il-Portugall | - | - | 1,538 | 139 | 1,677 | 5,505 |
| Ir-Rumanija | - | - | 1,748 | 161 | 1,909 | 4,149 |
| Is-Slovakkja | - | 706 | - | 12 | 718 | 1,263 |
| Is-Slovenja | - | - | 83 | 653 | 736 | 1,580 |
| Spanja | - | - | 6,559 | 608 | 7,167 | 26,712 |
| L-Isvezja | - | 4,223 | 152 | - | 4,375 | 5,324 |
| Ir-Renju Unit | - | 18,157 | 763 | - | 18,920 | 25,064 |

*1: Id-dejta pprovduta mill-Italja turi l-istess valur kif irrappurtat fl-2010. Dan jista' jqajjem dubji dwar il-preċiżjoni tagħha.*

Wieħed jista' jinnota ċerti xejriet ġenerali:

- Id-diżil jiddomina s-suq kullimkien ħlief f'żewġ Stati Membri bil-petrol jirrappreżenta 63.1 % mis-sehem ta' bejgħ ta' fjuwil Grieg u 56.6 % ta' bejgħ ta' fjuwil Ċiprijott.

- Il-Belġju, min-naħa l-oħra huwa l-aktar pajjiż dipendenti fuq id-diżil. Id-diżil jiddomina l-bejgħ tal-fjuwil fil-Belġju b'sehem ta' 83.2 % mis-suq - l-akbar proporzjon fl-Istati Membri kollha.

- L-akbar volum ta' bejgħ ta' fjuwil fl-2011 seħħ fil-Ġermanja, b'total ta' 18,2 % f'bejgħ ta' fjuwil u taħlita nazzjonali ta' petrol/diżil, ta' 40,2 % ta' bejgħ ta' fjuwil tal-petrol u 59,8 % ta' bejgħ ta' fjuwil tad-diżil. It-tieni l-akbar suq fl-UE kien Franza b'14.0 % ta' bejgħ ta' fjuwil u b'taħlita nazzjonali ta' bejgħ ta' petrol/diżil ta' 20,5 % u 79,5 % rispettivament. It-tielet l-ikbar suq tal-UE kien ir-Renju Unit b'bejgħ li ammonta għal 12,1 % ta' fjuwils mibjugħin fl-UE, b'taħlita ta' pajjiżi ta' 43 % petrol u 57 % diżil.

- Għad hemm livell baxx ta' penetrazzjoni tas-suq ta' E10, bi tliet pajjiżi biss (il-Ġermanja, Franza u l-Finlandja) attwalment ibigħuh.

## 4. IL-MONITORAĠĠ TAL-KWALITÀ TAL-FJUWIL 2011

### 4.1. Deskrizzjoni tas-sistemi użati minn Stati Membri differenti

Għadd ta' approċċi differenti intużaw għall-implimentazzjoni ta' FQMS mal-UE kollha, għalkemm il-konsistenza bejn l-Istati Membri tjiebet xi ftit minn sena għal sena. L-approċċi jvarjaw minn dawk imsejsa fuq l-Istandard Ewropew EN 14274[3], b'kampjunar minn firxa ta' stazzjonijiet għall-bejgħ tal-fjuwils għal sistemi nazzjonali.

Id-Direttiva tista' tippermetti sistemi ta' monitoraġġ alternattivi, dejjem jekk tali sistemi jiżguraw li r-riżultati jkunu ta' kunfidenza ekwivalenti għall-EN 14274, għalkemm il-kriterji biex dan jiġi vvalutat mhumiex speċifikati. Għalhekk mhuwiex ċar jekk is-sistemi eżistenti mhux ibbażati fuq l-EN 14274 jissodisfawx dan il-kriterju.

Fl-2011, il-maġġoranza tal-Istati Membri pprovdew informazzjoni addizzjonali dwar l-għażla tagħhom ta' sistema ta' monitoraġġ (jekk jintuża mudell statistiku minn EN 14274) jew ipprovdew informazzjoni dwar l-għażla ta' sistema ta' monitoraġġ nazzjonali.

Mis-27 Stat Membru s-sistemi ta' sorveljanza tal-kwalità tal-fjuwils użati fl-2011:

- 5 għażlu li jużaw il-mudell statistiku A EN 14274 (l-Awstrija, il-Finlandja, il-Greċja, l-Italja u Spanja)

[3] EN 14274:2003 – Fjuwils awtomobilistiċi – Valutazzjoni tal-kwalità tal-petrol u tad-diżil – Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kwalità tal-Fjuwil (Fuel Quality Monitoring System - FQMS).

- 5 għażlu li jużaw il-mudell statistiku B EN 14274 (Franza, il-Ġermanja, il-Polonja, il-Bulgarija u r-Rumanija)
- 9 għażlu l-Mudell Statistiku C EN 14274 (l-Irlanda, il-Portugall, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Litwanja, is-Slovakkja u s-Slovenja), u;
- t-8 l-oħra użaw sistema nazzjonali ta' monitoraġġ

### 4.2. Kampjunar u rappurtar

Wieħed mill-punti ewlenin fil-kejl tal-kwalità tal-fjuwils huwa kif il-fjuwils jiġu kkampjunati. Dan il-kampjunar għandu jsir skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'EN 14274.

Dan l-istandard jindika l-għadd u l-post ta' kampjuni li għandhom jittieħdu u rrappurtati fir-rapporti dwar il-kwalità tal-fjuwil tal-Istati Membri. L-istandard jispeċifika wkoll l-għadd minimu ta' kampjuni għal kull grad ta' fjuwil f'kull perjodu ta' xitwa u sajf. It-Tabella 2 tipprovdi analiżi tal-kampjunar u r-rappurtar li saru mill-Istati Membri individwali fl-2011. L-għadd minimu ta' kampjuni meħtieġ jiġi kkalkulat fil-każijiet fejn l-Istat Membru ikun uża mudell statistiku kif jidher f'EN 14274, billi r-rekwiżit tal-kampjun minimu huwa magħruf għal kull mudell (A, B u C).

It-tabella 2 tipprovdi wkoll analiżi ddettaljata tal-kampjuni kollha li ttieħdu u l-kampjunar li sar fl-istazzjonijiet ta' riforniment. l-Istati Membri kollha pprovdew din l-analiżi fl-2011, minbarra l-Ġermanja. Il-Ġermanja pprovdiet riżultati mill-ikkampjunar taħt żewġ metodoloġiji separati, iżda ma ndikatx l-għadd totali ta' kampjuni meħuda (peress li xi kampjuni ġew ittestjati bl-użu taż-żewġ metodoloġiji, oħrajn waħda biss), u għalhekk mhuwiex possibbli li tiġi ddeterminata l-konformità mal-kwantitajiet ta' kampjuni. L-istandard EN 14274 jispeċifika li r-rekwiżit minimu ta' kampjunar għandu jittieħed mis-siti tad-distribuzzjoni tal-fjuwil, li huma ddefiniti bħala "*sit, tal-bejgħ jew kummerċjali fejn il-fjuwil jiġi ddistribwit f'vetturi tat-triq għall-propulsjoni.*" Għalhekk kwalunkwe kampjunar li jsir fit-terminals ta' distribuzzjoni jew fir-raffineriji għandu jittieħed flimkien ma' dak li jsir fl-istazzjonijiet ta' servizz sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi ta' kampjunar.

Hemm bidla pożittiva fl-2011 fl-Istati Membri fit-titjib tal-FQMS u l-proċessi ta' kampjunar tagħhom bħal, pereżempju, id-Danimarka li qed timplimenta sistema ġdida biex tkun konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

In-nuqqas ta' konformità ta' testijiet ta' kampjuni individwali mal-istandard ta' fjuwil tal-petrol EN 228 naqsu fl-2011 meta mqabbla mal-2010, b'nuqqas ta' konformità għad-diżil kontra EN 590 li naqas ukoll fl-2011. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq *EU Fuel Quality Monitoring – 2011 Summary Report - Final report to the European Commission DG Climate Action*, disponibbli fuq is-sit tad-DĠ għall-Azzjoni Klimatika.

**Tabella 2: Sommarju tal-kampjunar u r-rappurtar tal-Istati Membri b'rabta mar-rekwiżiti tad-Direttiva 98/70/KE u l-Istandard Ewropew EN 14274**

| SM | | Mudell FQMS (1) | Daqs (2) | sajf u xitwa separati? (3) | Kampjuni għal kull grad għal kull perjodu (4) | Total ta' kampjuni meħtieġa (5) | | Kampjuni meħuda (6) | | Kampjuni meħuda fl-Istazzjonijiet tas-Servizz (7) | | Konformità tal-Kampjunar (8) | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Pet. | Dsl. | Pet. | Dsl. | Pet. | Dsl. | Pet. | Dsl. |
| L-Awstrija | AT | A | S | ✓ | 50 | 104 | 100 | 153 | 150 | 153 | 150 | ✓ | ✓ |
| Il-Belġju | BE | N | S | ✓ | (50) | (200) | (100) | 2006 | 5325 | 2006 | 5325 | (✓) | (✓) |
| Il-Bulgarija | BG | B | S | ✓ | 100 | 410 | 200 | 473 | 496 | 461 | 482 | ✓ | ✓ |
| Ċipru | CY | C | S | ✓ | 50 | 108 | 100 | 233 | 140 | 233 | 140 | ✓ | ✓ |
| Ir-Repubblika Ċeka | CZ | C | S | ✓ | 50 | 102 | 104 | 944 | 955 | 944 | 1015 | ✓ | ✓ |
| Id-Danimarka | DK | N | S | ✓ | (50) | (200) | (100) | 41 | 21 | 41 | 9 | (×) | (×) |
| L-Estonja | EE | C | S | ✓ | 50 | 104 | 100 | 350 | 210 | 350 | 210 | ✓ | ✓ |
| Il-Finlandja | FI | A | S | ✓ | 50 | 200 | 100 | 224 | 126 | 224 | 126 | ✓ | ✓ |
| Franza | FR | B | L | ✓ | 200 | 800 | 400 | 487 | 420 | 395 | 420 | × | ✓ |
| Il-Ġermanja | DE | B | L | ✓ | 200 | 802 | 400 | 520 | 363 | 0 | 0 | × | × |
| Il-Greċja | EL | A | S | ✓ | 50 | 106 | 100 | 112 | 100 | 33 | 20 | × | × |
| L-Ungerija | HU | C | S | ✓ | 50 | 102 | 100 | 120 | 120 | 120 | 120 | ✓ | ✓ |
| L-Irlanda | IE | C | S | ✓ | 50 | 100 | 100 | 149 | 136 | 94 | 97 | × | × |
| L-Italja | IT | A | L | ✓ | 100 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | ✓ | ✓ |
| Il-Latvja | LV | N | S | ✓ | (50) | (108) | (200) | 202 | 307 | 173 | 160 | (✓) | (✓) |
| Il-Litwanja | LT | C | S | ✓ | 50 | 102 | 100 | 104 | 100 | 92 | 91 | × | × |
| Il- | L | N | S | ✓ | (50) | (20 | (10 | 89 | 98 | 81 | 98 | (×) | (×) |

| SM | | Mudell FQMS (1) | Daqs (2) | sajf u xitwa separati? (3) | Kampjuni għal kull grad għal kull perjodu (4) | Total ta' kampjuni meħtieġa (5) | | Kampjuni meħuda (6) | | Kampjuni meħuda fl-Istazzjonijiet tas-Servizz (7) | | Konformità tal-Kampjunar (8) | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Pet. | Dsl. | Pet. | Dsl. | Pet. | Dsl. | Pet. | Dsl. |
| Lussemburgu | U | | | | | 0) | 0) | | | | | | |
| Malta | MT | N | S | ✓ | (50) | (100) | (100) | 32 | 27 | 21 | 18 | (×) | (×) |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | NL | N | S | ✓ | (50) | (100) | (100) | 100 | 100 | 100 | 100 | (✓) | (✓) |
| Il-Polonja | PL | B | S | ✓ | 200 | 216 | 206 | 265 | 295 | 265 | 295 | ✓ | ✓ |
| Il-Portugall | PT | C | S | ✓ | 50 | 108 | 100 | 254 | 122 | 200 | 100 | ✓ | ✓ |
| Ir-Rumanija | RO | B | S | ✓ | 100 | 216 | 200 | 224 | 222 | 224 | 222 | ✓ | ✓ |
| Is-Slovakkja | SK | C | S | ✓ | 50 | 102 | 100 | 155 | 123 | 155 | 123 | ✓ | ✓ |
| Is-Slovenja | SI | C | S | ✓ | 50 | 200 | 100 | 145 | 178 | 142 | 115 | × | ✓ |
| Spanja | ES | A | L | ✓ | 100 | 216 | 200 | 634 | 330 | 0 | 0 | × | × |
| L-Isvezja | SE | N | S | ✓ | (50) | (104) | (100) | 672 | 756 | 0 | 0 | (×) | (×) |
| Ir-Renju Unit | Ir-Renju Unit | N | L | ✓ | (100) | (208) | (200) | 1369 | 2298 | 68 | 65 | (×) | (×) |

| # | Kolonna | Noti ta' spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | Mudell FQMS | N = Sistema Nazzjonali ta' Monitoraġġ tal-Kwalità tal-Fjuwil (FQMS)<br>A = EN 14274 Mudell Statistiku A<br>B = EN 14274 Mudell Statistiku B<br>C = EN 14274 Mudell Statistiku C |
| (2) | Daqs — Id-daqs tal-pajjiż | Ż = Żgħir (bejgħ ta' fjuwil tat-triq awtomobilistiku totali < 15-il miljun tunnellata pa)<br>K = Kbir (bejgħ ta' fjuwil tat-triq awtomobilistiku totali > 15-il miljun tunnellata pa) |
| (3) | sajf u xitwa separati? | ✓ Ir-rappurtar separat tas-sajf u x-xitwa × jindika kampjun tas-sena kollha tar-rappurtar tar-riżultati biss. |

| | | |
|---|---|---|
| (4) | Kampjuni skont il-grad skont il-perjodu | EN 14274: Hemm rekwiżiti ta' kampjunar imnaqqsa għal gradi li jinkludu rekwiżiti ta' inqas minn 10 % tal-bejgħ totali. Għall-Istati Membri li jużaw FQMS nazzjonali, kampjuni minimi ekwivalenti stmati (ibbażati fuq il-bejgħ ta' fjuwils) jintwerew bejn il-parentesi (). |
| (5) | Kampjuni totali meħtieġa | Il-kalkolu tal-total tal-kampjun minimu EN 14274 meħtieġ skont il-mudell FQM u d-daqs tal-pajjiż. Ir-rekwiżit tal-kampjun minimu għandu jittieħed mill-"punt tal-użu" f'siti tad-distribuzzjoni tal-fjuwil. Għall-Istati Membri li jużaw FQMS nazzjonali, il-kampjuni minimi ekwivalenti stmati (ibbażati fuq il-bejgħ tal-fjuwil) jidhru bejn il-parenteżi (). |
| (6) | Kampjuni meħuda | L-għadd totali ta' kampjuni meħuda għal kull tip ta' fjuwil fil-postijiet kollha (stazzjonijiet tas-servizz, terminali, u raffineriji). |
| (7) | Kampjuni meħuda fil-pompi tal-petrol | L-għadd totali ta' kampjuni meħuda fl-istazzjonijiet tas-servizz; siti għad-distribuzzjoni tal-fjuwil (pubbliċi u kummerċjali). Dan jiġi rrappurtat separatament fil-mudell ta' rappurtar standard; meta l-kampjuni meħuda fi stazzjonijiet tas-servizz b'mod ġenerali ma jaqblux mal-kampjuni li ttieħdu. Dan iseħħ minħabba differenzi fis-sottomissjoni tar-rapport originali (b'mod partikolari Franza u r-Repubblika Ċeka, meta l-kampjuni meħuda fi stazzjonijiet tas-servizz huma akbar minn kampjuni meħuda). |
| (8) | Il-konformità tal-kampjunar | ✓ tindika l-konformità mar-rekwiżit tan-Numru tal-Kampjunar EN 14274 u × tindika n-nuqqas ta' konformità. Innota li dan jindika konformità tal-kampjunar b'mod inġenerali mal-gradi tal-fjuwil kollha; ara r-rapport tal-Istat Membru għall-konformità tal-kampjunar għal kull grad ta' fjuwil b'mod individwali. Fejn tintuża sistema FQM nazzjonali, il-konformità stmata biex turi l-ekwivalenza ma' EN14274 tintwera bejn il-parenteżi ().<br><br>Fejn l-Istati Membri ma jipprovdux tqassim tal-post tal-kampjunar, mhuwiex possibbli li tiġi vvalutata l-konformità tal-kampjunar. |
| | Pet. | Petrol |
| | Dsl | Diżil |

## 5. KONFORMITÀ MAL-LIMITI TA' VALUR TAD-DIRETTIVA

### 5.1. Rappurtar tal-petrol

Fl-2011, il-maġġoranza tal-Istati Membri pprovdew tagħrif sħiħ dwar il-konformità tal-kampjuni tal-petrol. Sabiex tkun iddeterminata l-konformità, huwa meħtieġ li jkun magħruf liema metodu ta' ttestjar intuża għall-ittestjar ta' ċerti parametri (minħabba li r-riproduċibbiltà u l-livelli ta' tolleranza jvarjaw skont il-metodu ta' ttestjar). Sar provvediment għall-Istati Membri biex jagħtu din l-informazzjoni fi ħdan il-mudell ta' rappurtar. Għalkemm din mhix parti obbligatorja mir-rappurtar, hija vitali sabiex jiġu ddeterminati l-livelli ta' konformità.

Fl-2011, l-aktar parametri li nstabu li ma kinux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti għall-Unjoni kienu, spiss, dawn li ġejjin:

- Il-pressjoni tal-fwar fis-sajf inqabżet 106 darba fl-2011. Madankollu, qed issir dejjem aktar evidenti li l-bosta każijiet fejn inqabżu l-limiti huma riżultat ta' perjodi tranżizzjonali meta l-fornituri jaqilbu mill-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti għall-fjuwil fis-sajf għal dawk stabbiliti għall-fjuwil tax-xitwa u viċi versa.

- Il-kampjuni RON/MON li ma kinux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet kienu jammontaw għal 38 fl-2011.

Ċerti Stati Membri ma pprovdewx id-dettalji kollha ta' kampjuni li ma kinux konformi mal-limiti ta' tolleranza.

### 5.2. Rappurtar tad-diżil

Fl-2011, ċerti Stati Membri ma pprovdewx id-dettalji sħaħ ta' kampjuni li mhumiex konformi mal-limiti ta' tolleranza. Mis-6 parametri meħtieġa biex jiġu ttestjati għad-diżil fl-2011, il-parametri li mhumiex konformi mal-ispeċifikazzjoni kienu:

- Il-kontenut massimu tal-kubrit ta' 10ppm inqabeż b'total ta' 126 kampjun. Madankollu, il-kontenut medju ta' kubrit fl-Istati Membri kollha għadu 5,8 ppm, li huwa anqas mil-limitu obbligatorju ta' 10ppm.

- B'kollox, 19-il kampjun li ġew ittestjati għal-limiti ta' distillazzjoni instabu li mhumiex konformi mal-ispeċifikazzjoni.

### 5.3. Sommarju

It-Tabella 3 turi taqsira tal-konformità tal-Istati Membri mad-Direttiva għall-2011, u f'termini tar-riżultati tal-analiżi tal-kampjuni tirrapporta kontra l-Limiti tat-Tolleranza u r-rappurtar tal-format u l-kontenut. L-emendi tad-Direttiva kienu jinkludu l-inserzjoni ta' paragrafu li jgħid "*L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-penali li japplikaw għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Il-penali ddeterminati jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.*" Ċerti Stati Membri pprovdew spjegazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju u tal-penali imposti mill-awtoritajiet nazzjonali fejn jinstab li l-kampjuni ma kinux konformi mal-ispeċifikazzjoni. Dawn u noti oħra pertinenti għas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri ġew enfasizzati u ngħataw ukoll f'aktar dettall fil-kapitli tal-Istati Membri individwali ta' dan ir-rapport.

B'mod ġenerali, mill-10,257 kampjun ittestjati għall-petrol fl-2011, instab li 211 minnhom ma kinux konformi mal-limiti ta' tolleranza għal parametru wieħed jew aktar, u din tirrappreżenta rata' ta' nuqqas ta' konformità ta' 2,0 %. Mit-13,718-il kampjun ittestjat għas-sitt parametri obbligatorji għad-diżil fl-2011, instab li 203 minnhom ma kinux konformi mal-limiti speċifikati, ammont li jirrappreżenta 1,5 % mit-total ta' kampjuni rrappurtati.

Il-proporzjon ta' kampjuni li mhumiex konformi mal-ispeċifikazzjoni jiddependi fuq l-għadd ta' kampjuni meħuda, li għandu jkun dipendenti (f'kull Stat Membru) fuq il-volum tal-bejgħ ta' fjuwil u s-sorsi ta' forniment. Madankollu, minħabba Stati Membri li jużaw sistemi nazzjonali li jistgħu ma jurux ekwivalenza ma' mudelli statistiċi A, B jew C u bl-użu ta' mudelli statistiċi li jistgħu ma jkunux l-aktar adattati, huwa meħtieġ li jitqies ukoll in-nuqqas ta' konformità fi ħdan l-UE kkalkulat abbażi tal-volum u l-għadd ta' kampjuni.

**It-Tabella 3: Sommarju tal-konformità tal-Istati Membri għar-rappurtar tal-2011.**

| SM | Nuqqas ta' konformità mal-valuri ta' limitu kampjuni tan-nuqqas ta' konformità (NC) / kampjuni totali | | Rappurtar mhux komplut parametri mhux imkejla (NM) / totali | | Rapport mogħti tard |
|---|---|---|---|---|---|
| | (1) | | (2) | | (3) |
| | Petrol | Diżil | Petrol | Diżil | |

| | NC | Total | NC | Total | NM | Total | NM | Total | (xhur) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AT | 6 | 153 | 8 | 150 | 0 | 19 | 0 | 6 | < xahar |
| BE | 70 | 2006 | 89 | 5325 | 1 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| BG | 27 | 473 | 19 | 496 | 5 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| CY | 21 | 233 | 6 | 140 | 0 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| CZ | 22 | 944 | 19 | 955 | 0 | 19 | 1 | 6 | Fil-ħin |
| DK | 0 | 41 | 0 | 21 | 0 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| EE | 9 | 350 | 0 | 210 | 0 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| FI | 1 | 224 | 0 | 126 | 1 | 19 | 1 | 6 | Fil-ħin |
| FR | 17 | 487 | 39 | 420 | 0 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| DE | 3 | 520 | 7 | 363 | 1 | 19 | 0 | 6 | <xahrejn |
| EL | 0 | 112 | 0 | 100 | 1 | 19 | 0 | 6 | < xahar |
| HU | 4 | 120 | 1 | 120 | 1 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| IE | 1 | 149 | 1 | 136 | 0 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| IT | 0 | 200 | 0 | 200 | 7 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| LV | 0 | 202 | 0 | 307 | 0 | 19 | 0 | 6 | < xahar |
| LT | 0 | 104 | 0 | 100 | 1 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| LU | 5 | 89 | 1 | 98 | 1 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| MT | 5 | 32 | 3 | 27 | 1 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| NL | 0 | 100 | 0 | 100 | 1 | 19 | 1 | 6 | Fil-ħin |
| PL | 5 | 265 | 2 | 295 | 1 | 19 | 2 | 6 | Fil-ħin |
| PT | 5 | 254 | 2 | 122 | 0 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| RO | 1 | 224 | 0 | 222 | 1 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| SK | 3 | 155 | 4 | 123 | 1 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| SI | 0 | 145 | 2 | 178 | 1 | 19 | 1 | 6 | Fil-ħin |
| ES | 0 | 634 | 0 | 330 | 0 | 19 | 0 | 6 | < xahar |
| SE | 1 | 672 | 0 | 756 | 8 | 19 | 1 | 6 | Fil-ħin |
| Ir-Renju Unit | 5 | 1369 | 0 | 2298 | 0 | 19 | 0 | 6 | Fil-ħin |
| Għadd ta' Pajjiżi | | | | | | | | | 27 |

| | | |
|---|---|---|
| (1) | Nuqqas ta' konformità mal-valuri ta' limitu<br><br>(95 % limiti ta' kunfidenza) | Fejn id-dejta tar-rappurtar mhijiex kompluta, mhux possibbli tingħata konferma li l-valuri ta' limitu ġew irrispettati fil-kampjuni kollha. Fejn ma kienx possibbli li jkun stabbilit, mis-sottomissjonijiet, l-għadd ta' kampjuni li qabżu l-valur ta' limitu, is-simbolu ">" jindika li l-għadd ta' kampjuni li jaqbżu l-limiti huwa minimu u jista' jkun ikbar. |
| (2) | Rappurtar mhux komplut | Ċerti parametri jistgħu jiġu kkampjunati fi kwantitajiet iżgħar, iżda l-parametri kollha għandhom jiġu kkampjunati sabiex tiġi vvalutata l-kwalità tal-fjuwil. L-Istati Membri għandhom jindikaw b'mod ċar fejn ikunu nkisbu riżultati tal-kampjunar, u jipprovdu r-riżultati tal-kampjunar. |
| (3) | Rapport mogħti tard | Id-Direttiva 98/70/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom jissottomettu r-rapporti ta' kontroll sat-30 ta' Ġunju kull sena. |

Parti importanti oħra tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-fjuwil li jitqiegħed fis-suq f'kull Stat Membru hija konformi ma' parametri speċifiċi li għandhom jiġu vverifikati. Bħalissa hemm

devjazzjoni f'ċerti Stati Membri dwar din il-kwistjoni. Fir-rapport sħiħ għall-2011, fit-*Tabella rigward is-Sommarju ta' parametri mhux irrappurtati mill-Istati Membri għal kull grad ta' fjuwil, ta' sorveljanza tal-kwalità tal-fjuwil ġenerali tal-UE — Rapport Sommarju 2011 — Rapport finali lill-Kummissjoni Ewropea DĠ għall-Azzjoni Klimatika,* huwa indikat, minn Stat Membru n-numru ta' parametri li mhumiex mkejla.

Anke meta wieħed iqis li din is-sitwazzjoni ma toħloqx problema għall-valutazzjoni tal-kwalità ġenerali tal-fjuwil fl-Ewropa, huwa qasam li jeħtieġ li titjieb fl-2012.

## 6 KONKLUŻJONIJIET

Il-kwalità tal-fjuwil għandha rabtiet qawwija kemm mal-emissjonijiet tad-$CO_2$ u kemm mal-kwalità tal-arja, u l-faċilità u l-ispiża li bihom jistgħu jintlaħqu l-limiti tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu u tal-gassijiet serra mill-manifatturi tal-vetturi.

Il-monitoraġġ tal-kwalità tal-fjuwil fl-2011 juri li l-ispeċifikazzjonijiet għall-petrol u għad-diżil stipulati fid-Direttiva 98/70/KE b'mod ġenerali huma mħarsa u tassew kienu ftit il-każijiet fejn inqabżu l-limiti tal-ispeċifikazzjonijiet li ġew identifikati.

Ir-reviżjoni tal-istandard EN 14274 se tipprovdi kjarifika ulterjuri lill-Istati Membri, li se twassal għal konsistenza akbar fid-dejta disponibbli għall-valutazzjoni tad-diversi parametri tal-kwalità tal-fjuwil.

Hemm ukoll rieda rikonoxxuta mill-Istati Membri biex jagħmlu sforz biex itejbu l-fehim tagħhom tar-rekwiżiti tar-rappurtar u tal-FQMS tagħhom.

Peress li l-qbiż tal-limiti huwa relattivament rari u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jitneħħa mill-bejgħ dak il-fjuwil li ma jkunx konformi, il-Kummissjoni ma taf bl-ebda riperkussjoni negattiva fuq l-emissjonijiet mill-vetturi jew fuq il-funzjonament tal-magni minħabba dan il-qbiż tal-limiti. Madankollu, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex ikomplu jieħdu azzjoni li tiżgura konformità sħiħa sabiex problemi bħal dawn ma jitfaċċawx fil-futur.